MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru 482/2006

Il-Pulizija
(Spetturi Raymond Cassar u Kevin Farrugia)

vs

Robert Hudson

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 385985(m), akkuzat talli:

1. f'Birkirkara, nhar is-17 ta' Mejju, 2006, ghal habta tal-5.15pm, volontarjament ta n-nar lill-bini, gharix jew lok iehor u cioe' garaxx bin-numru 109 li jinsab 'Rompol Building' sitwat fi triq John Borg, u dan il-garaxx kien qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lill-bini iehor, gharix

jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa jkun hemm xi persuna;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwjjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u dang had-dannu ta' diversi persuni, liema hsara tiskorri l-Lm500.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li bih baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi skond l-artikoli tal-ligi minnhu indikati dwar il-htija jew htijiet jew le tal-imputat fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tieghu;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;
Ikkonsidrat:

L-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tal-imputat jipprospettaw r-reat ta' hruq b'perikolu komuni ai termini tal-Artikolu 317(b) u l-hsara volontarja ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kap 9.

Illi l-fond, ossija garaxx, meritu din il-kawza li safa' mahruq hu dak li ghandu numru 109 sit f'korp bini bl-isem 'Rampol Building' fi Triq John Borg, Birkirkara. Fil-gurnata u hin indikati fl-akkuza certu Tabone, ossija l-persuna li tiehu hsieb ghan-nom tas-sidien tal-korp il-gbir tal-kirjiet, irraportat l-ghassa ta' Birkirkara, li kien osserva xi nar hiereg mill-garaxx de quo. Mill-provi jintrapella li l-garaxx kien mikri lil certu Sammut li flimkien ma zewgt ihbieb tieghu kien uzat ukoll biex tindaqq musika fih. Jirrizulta wisq car, jekk xejn mill-istqarrija tal-imputat, li kienet hi l-persuna responsabbli li kebbes in-nar fl-imsemmi garaxx.

F’dan l-istadju tas-sentenza l-Qorti ser tirriproduci silta minn dina l-istqarrija li fil-fehma taghha hija illustrattiva tal-‘forma mentis’ tal-imputat. Fiha hu jghid: “ …l-bierah sakemm jiena kont qieghed nistenna lil Kevin [habib tieghu li jabita f’wiehed mill-garaxijiet zewg livelli ‘l isfel mill-garaxx in kwistjoni] …ma kellix x’naghmel u qadt nilghab bil-‘lighter tieghi [fejn il-garaxx in kwistjoni]. Dan il-garaxx konna ghamilna s-‘sound proof’ li jikkonsisti f’jablo u partition tal-injam. Il-bieb tal-garaxx minn naha ta’ wara kien mimli jablo u kartun tal-bajd u wahhalnihom b’tape kannella li kien jidher mill-bieb minn naha ta’ barra. Nghid ukoll li mal-art kien hemm hafna gazzetti li ma nafx kif spiccaw hemm. Jiena qabbadt it-tape minn barra li beda jintefa u kull darba li jintefa nerga’ nqabdu. Kien hemm ukoll xi karti hergin minn mal-frame tal-bieb li tajthom in-nar ukoll”. Kompla jistqarr li meta mar fejn l-imsemmi Kevin qallu li kien qieghed ‘jilghab’ bin-nar u zied qallu li “jekk ikun hemm in-nar iddoqq l-alarm”. Difatti xi ftit hin wara inqatta d-dawl u huma hargu l-barra.

Minn dan il-bran mehud fil-kuntest kollu tal-istqarrija tal-imputat, li isufruixxa mill-fakolta’ li ma jixhidx f’ dawn il-proceduri kontra tieghu, johrog wisq car li huwa ghal ta’ l-anqas ried jikkaguna xi dannu u kien ben konxju tal-konsegwenzi li l-agir tieghu seta’ jikkawza kemm lill-bini innifsu u f’xi affarjijiet li kienu fl-istess garaxx. Il-Perit Arkitett nominat fl-inkjesta ikkwatifika d-danni lill-bini biss fl-ammont ta’ Lm724 u dan apparti f’xi danni ohra li gew ikkagunati lill-attrezzi musikali esistenti fil-fond li fuq l-iskorta tad-dok. folio 148 jidhru li jiskorru l-ammont ta’ Lm500. Li hu indubitat hu li d-danni ikkagunati fil-bini u l-oggetti esistenti fil-garaxx jissupera l-Lm500 ghalhekk sancibbli taht l-Artikolu 325(a) tal-Kap 9. Konsegwentement, m’hemmx l-icken dubbju anke fuq dan li ntqal s’issa li kien l-imputat responsabbli li ikkaguna n-nar volontarjament u responsabbli ghad-danni konsegwenzjali. L-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju jiccita s-subincis (b) tal-Artikolu 317 tal-Kap 9 b’daqstant li eskluda perikolu lill-persuni ohra jew li n-nar seta’ jinfirex f’bini iehor.

Fil-kuntest ta’ piena l-Artikolu 17(b) tal-Kap 9 jispecifika piena ghad-delitt l-aktar gravi b’zieda minn terz sa nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra mehudin flimkien li jfisser li l-imputat huwa passibbli bhala massimu ghal-piena ta’ prigunerija ta’ seba snin u minimu ta’ tlett snin u erba xhur. Dan jipprekludi l-applikazzjoni ta’ sentenza sospiza izda mhux wkoll l-applikazzjoni ta’ xi provvediment taht il-Kap 446 ossija l-Att dwar il-Probation li fil-fehma tal-Qorti hu l-aktar adatt fic-cirkostanzi tenut kont l-eta’ tal-imputat, l-fedina penali sostanzjalment netta tieghu u l-predisposizzjoni tieghu illum fejn anka qieghed jsegwi kors ta’ studju l-MCAST.

Dwar danni m’hemm xejn konkretament li jindika kemm effettivament jammontaw dawn id-danni ghajr dak li s-sidien tal-fond tramite ir-rappresentant taghhom iddikjara li ma sofrew ebda danni stante li l-garaxx kien assikurat. Dwar l-apparat musikali u xi oggetti ohra ostensibilment ta’ proprjeta’ tat-tlett guvintur li jiffrekwentaw il-garaxx lanqas m’hemm xejn car dwar jekk l-apparat sofriex verament xi danni. Anzi mir-ritratti mehuda fil-kors tal-inkjesta jidher li hsara ‘per se’ ma saritx. Ghalhekk, il-Qorti ma tahsibx li ghandha tiffissa xi kumpens in rigward salv pero’ li ser tikkundanna l-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-esperti konnessi ma’ dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, fil-waqt li issib l-imputat hati skond l-akkuzi miguba kontra tieghu u wara li rat l-Artikolu 317(b), 325(a) u 17 tal-Kap 9 qeghdha fic-cirkostanti tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum ossija li tilliberah ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum taht il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu ta’ tlett snin. Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 ukoll citat mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu u tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha inkorsi fil-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri inkluz dawk tal-esperti mahtura fl-istadju tal-inkjesta, dan zmien xahar li l-istess jkunu gew notifikati lilu mir-Registratur ta’ dawn il-Qrati.

Il-Qorti qeghdha tfisser lill-imputat r-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza kif jinghad fl-Artikolu 22(3) Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------